

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1254/2009

tat-18 ta' Diċembru 2009

li jistabbilixxi l-kriterji li jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u jadottaw miżuri alternattivi tas-sigurtà

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 4(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kriterji għandhom jiġu stabbiliti b'mod li jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u jadottaw miżuri alternattivi tas-sigurtà li jipprovdu livell adegwat ta' protezzjoni abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju [lokali]. It-tali miżuri alternattivi għandhom jiġu ġġustifikati permezz ta' raġunijiet marbutin mad-daqs tal-inġenji tal-ajru, jew permezz ta' raġunijiet marbutin man-natura, l-iskala jew il-frekwenza tal-operazzjonijiet jew ta' attivitajiet rilevanti oħrajn. Għalhekk, il-kriterji li għandhom jiġu stabbiliti għandhom ikunu ġġustifikati wkoll permezz ta' dawn ir-raġunijiet.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, l-Anness għar-Regolament imsemmi għandu japplika mid-data li se tiġi speċifikata fir-regoli tal-implimentazzjoni, iżda mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 300/2008. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-kriterji adottati skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 għandha tiġi ddiferita sal-adozzjoni tar-regoli tal-implimentazzjoni skont l-Artikolu 4(3), iżda mhux aktar tard mid-29 ta' April 2010.
- (3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-istandards bażiċi komuni msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru

300/2008 u jadottaw miżuri alternattivi tas-sigurtà li jipprovdu livell xieraq ta' protezzjoni abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju lokali f'ajruporti jew f'żoni ddemarkati tal-ajruporti fejn it-traffiku huwa limitat għal waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:

- (1) inġenji tal-ajru (aircraft) b'piż massimu ta' inqas minn 15 000 kilogramma waqt it-tluq;
- (2) ħelikopters;
- (3) titjiriet għall-infurzar tal-liġi;
- (4) titjiriet għat-trażżin tan-nar;
- (5) titjiriet tas-servizzi mediċi, tas-servizzi tal-emerġenza jew tas-salvataġġ;
- (6) titjiriet għar-riċerka u l-iżvilupp;
- (7) titjiriet għax-xogħol tal-ajru ("aerial work");
- (8) titjiriet tal-għajjnuna umanitarja;
- (9) titjiriet imħaddma minn trasportaturi tal-ajru, manifatturi tal-inġenji tal-ajru jew kumpaniji tal-manutenzjoni, li ma jkunux jgħorru la passiġġieri u bagalji, u lanqas merkanzija u posta;
- (10) titjiriet b'inġenji tal-ajru b'piż massimu ta' inqas minn 45 500 kilogramma waqt it-tluq għat-trasport tal-persunal tal-kumpanija stess u ta' passiġġieri li ma jkunux qed iħallsu n-noll jew għat-trasport ta' oġġetti li jservu ta' għajjnuna biex jitwettaq in-negozju tal-kumpanija.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mid-data speċifikata fir-regoli tal-implimentazzjoni adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, iżda mhux aktar tard mid-29 ta' April 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kummissjoni

José Manuel BARROSO

Il-President

⁽¹⁾ ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.